

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Amministrativo Regionale per la Lombardia (l-Italja) fl-4 ta' Ĝunju 2018 – Shell Italia E & P SpA vs Ministero dello Sviluppo Economico, Ministero dell'Economia e delle Finanze, Autorità di Regolazione per l'Energia, Reti e Ambiente

(Kawża C-365/18)

(2018/C 294/33)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Tribunale Amministrativo Regionale per la Lombardia

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Shell Italia E & P SpA

Konvenuti: Ministero dello Sviluppo Economico, Ministero dell'Economia e delle Finanze, Autorità di Regolazione per l'Energia, Reti e Ambiente

Domanda preliminari

Id-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-Artikolu 6(1) u fis-sitt premessa tad-Direttiva 94/22/KE⁽¹⁾ jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, b'mod partikolari l-paragrafu 5-bis tal-Artikolu 19 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 625 tal-1996, li, bis-saħħa tal-interpretazzjoni mogħtija mill-Consiglio di Stato bis-sentenza Nru 290/2018, tippermetti li jiġi impost, matul il-ħlas tat-tariffi, il-parametru QE, ibbażat fuq il-kwotazzjonijiet taż-żejt u ta' kombustibbli oħra, minflok ma jkun ibbażat fuq l-indiċi Pfor, li huwa marbut mal-prezz tal-gass fis-suq għal żmien qasir?

⁽¹⁾ Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrok karburi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 2 p. 262).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de lo Social de Madrid (Spanja) fil-5 ta' Ġunju 2018 – José Manuel Ortiz Mesonero vs UTE Luz Madrid Centro (komposta mill-kumpanniji kummerċjali SICE S.A., Urbalux S.A. ImesAPI S.A. Extralux S.A. u Citelum Ibérica S.A.)

(Kawża C-366/18)

(2018/C 294/34)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Juzgado de lo Social de Madrid

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: José Manuel Ortiz Mesonero

Konvenuti: UTE Luz Madrid Centro (komposta mill-kumpanniji kummerċjali SICE S.A., Urbalux S.A. ImesAPI S.A. Extralux S.A. u Citelum Ibérica S.A.)